MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 77/2013

**A B**

**vs**

**C D u**
**E Conti u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi minn relazzjoni intima li omm ir-rikorrenti kellha mal-konvenut Derek Conti, twieldet ir-rikorrenti A B, nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu 1973;
2. Illi fl-att tat-twelid imsemmi gie dikjarat li missier ir-rikorrenti huwa l-intimat C D u dan kif jidher mill-kopja tal-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok AA 1' stante li omm ir-rikorrenti u l-intimat C D kienu mizzewgin;
3. Illi r-rikorrenti taf ben tajjeb li hija l-wild naturali ta' l-konvenut Derek Conti u dan peress li omm ir-rikorrenti stqarret kemm-il-darba maghha min hu fil-fatt missierha;
4. Illi r-rikorrenti lesta ukoll sabiex taghmel it-testijiet xjentifici tad-DNA necessarji sabiex tigi accertata b'mod definittiv il-paternita' taghha;
5. Illi r-rikorrenti ghandha interess li tigi rikonoxxuta bhala l-wild naturali tal-konvenut Derek Conti u ghaldaqstant qeghda tipprezenta din il-kawza;
6. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti kollha personalment;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina il-Qorti thoss li ghandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, illi r-rikorrenti A B hija l-wild naturali tal-intimat Derek Conti u dana kif ser jirrizulta mill-provi kollha prodotti;
2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' l-iskrizzjoni 1392 inkluz izda mhux limitat ghall-korrezzjonijiet billi fl-istess att jitnehhew il-kliem 'C D' fil-kolonna ta' l-isem ta' missier ir-rikorrenti u jidhlu l-kliem 'Derek Conti';
3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jippublika l-att tat-twelid imsemmi hekk kif korrett;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' ta' A B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost, l-esponent ma jistax jifhem ir-rikjesta tar-rikorrenti kif interposta fit-tielet talba tar-rikors tagħha. Ghalhekk l-esponent qed jistieden lir-rikorrenti sabiex tikkjarifika t-talba tagħha f'dan ir-rigward.

3. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-intimat Derek Conti sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) id-dokument tal-Identità, (2) l-età tiegħu meta twieldet t-tifla A B, (3) il-post tat-twelid tiegħu, (4) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija tifla, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla A B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita A B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1392 tas-sena 1973;

4. Illi bla ħsara għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi A B a tenur tal-**Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**

5. Illi bla ħsara ghal premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem "C D", senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm

indikati tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-twelid bin-numru ta' reġistrazzjoni 1392 tas-sena 1973.

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut Derek Conti tad-9 ta' Lulju 2013 li permezz taghha jammetti it-talbiet hekk kif dedotti fil-konfront tieghu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tar-rikorrenti *stante* li tikkontendi li ommha dejjem gharfitha li missierha naturali huwa Derek Conti, pero' minhabba l-fatt li omm l-attrici wellditha fiz-zwieg taghha mal-intimat l-iehor C D, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti

mill-ligi, l-istess attrici giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-intimat C D. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza, l-attrici qieghda titlob lill-qorti sabiex tiddikjara li m'hijiex il-wild naturali tal-istess imsemmi C D u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid taghha billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati relattivi ghall-intimat l-iehor Derek Conti.

Min-naha tieghu, l-intimat Derek Conti jametti t-talbiet hekk kif dedotti.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D imma l-wild ta' Derek Conti u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li meta twieldet (nhar l-10 ta' Marzu 1973)[1], ommha kienet ghadha mizzewga lill-intimat C D, kien fatt maghruf li hija l-wild ta' Derek Conti. Tant hu hekk li ommha kienet tihodha ghand l-intimat Conti u sahansitra wkoll ghan ommu (u cioe' n-nanna paterna tal-attrici). Tghid li z-zwieg ta' ommha u C D (li minnu twieldu zewgt ulied ohra) spicca meta l-intimat D dahal il-habs, pero' s-separazzjoni legali taghhom qatt ma saret. Tispjega li hija l-frott ta' relazzjoni li ommha kellha ma' Derek Conti u zzid tghid li dejjem kellha relazzjoni tajba (ta' missier u bint) mieghu. Tali relazzjoni kompliet ukoll meta Derek Conti zzewweg u kellu t-tfal. Kemm il-mara tieghu u kemm uliedu jafu bl-ezistenza taghha. Tghid li dejjem kienet marbuta ma' C D (kwantu ghall-firem u kunsens ta' genitur minhabba c-certifikat tat-twelid), minghajr ma kien verament missierha u tali fatt kien idejjaqha.

[1] Ara a fol 5 tal-process

Taghlaq billi tghid li kif mietet ommha, intavolat din il-kawza sabiex ic-certifikat tat-twelid taghha jkun jindika l-veru missier u sar ukoll it-test tad-DNA li kkonferma wkoll li Derek Conti huwa verament missierha.

Il-qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[2] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li hi verament mhix il-wild naturali tal-intimat C D *stante* li permezz tal-istess test xjentifiku, l-intimat l-iehor Derek Conti gie kkonfermat li huwa l-missier naturali. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li l-attrici u l-intimat Derek Conti jaqblu li l-istess attrici m'hijiex il-wild naturali tal-intimat D. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din l-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-attrici mhijiex il-wild naturali tal-intimat C D izda l-wild naturali ta' Derek Conti.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern, u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tat-twelid taghha ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali msemmija minnu stess.

Naturalment, tali prova tista' facilment u bl-aktar mod kategoriku tingieb permezz ta' DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. L-qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti[3] li juri bhala stat ta' fatt li l-missier naturali tal-attrici huwa proprju Derek Conti.

Il-qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat D m'huwiex il-missier tal-attrici, hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ic-certifikat tat-twelid taghha ma jkunx jindika persuna li huwa missierha meta huwa evidenti li dan mhux, specjalment meta l-missier biologiku huwa maghruf u qed jammetti t-talbiet.

[2] Esebit a fol 25 tal-process
[3] Esebit a fol 25 tal-process

Illi in vista ta’ dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-istess attrici, il-qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-attrici hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-attrici A B hija l-wild naturali ta’ Derek Conti;

(2) Tilqa’ t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-attrici, inkluz izda mhux limitat ghall-korrezzjonijiet billi fl-istess att jitnehhew il-kliem ‘C D’ fil-kolonna ta’ l-isem ta’ missier ir-rikorrenti u jidhlu is-segwenti dettalji :

Isem u kunjom il-missier: Derek Conti

Numru tal-karta tal-identita’: 657853M

L-eta’ ta’ Derek Conti fiz-zmien tat-twelid tal-attrici: 20 sena

Post tat-twelid ta’ Derek Conti: Pieta’

Post tar-residenza fiż-żmien tat-twelid tal-attrici: Valletta

Missier Derek Conti: F Conti li kien haj meta twieldet l-attrici.

In vista tal-eta’ tal-attrici, kujomha ghandha jibqa’ dak ta’ B.

(3) Tilqa’ t-tielet talba.

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi jibqghu bla taxxa ad eccezzjoni tal-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, liema spejjez ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-attrici u Derek Conti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------